Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru 412/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**versus**

**Victor Saliba**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Victor Saliba ta’ 63 sena iben Esposito u Elena nee’ Muscat, mwieled Hal Lija fil-31 ta’ Jannar 1944 u residenti ‘Lisa’ Flat 1, Triq it-Tamar San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 136344(M)

Akkużat talli:

Fis-16 ta’ Jannar 2007 fil-Belt Valletta, bi hsara lil Ulusan Kenan ghamel qliegh b’qerq ta’ LM400.

U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal haddiehor is-somma ta’ LM400, propjeta’ ta’ Ulusan Kenan li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba depozitu necessarji u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293, 294, 309, 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat bin-numru 1363 tas-sena 1944; il-fedina penali ta’ l-imputat, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.

Ikkonsidrat

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi

(a) Ix-xhieda ta’ l-ex Spettur Joseph Cordina
(b) L-istqarrija ta’ l-imputat
(c) Ix-xhieda ta’ rapprezentant tal-Bank of Valletta li fiha jidher li sar depozitu a favur ta’ l-imputat

Minn dan kollu jirrizulta li certu Kenan Ulusan (li llum m’ghadux Malta u ma xehedx) kien ghamel rapport li kien ta LM500 lill-imputat sabiex l-imputat ibieghlu l-karozza GBC 615. Il-LM500 marru fl-Account Number 4001548485895 (ara wkoll Dok JBC).

Fl-istqarrija tieghu l-imputat kkonferma li dawn il-LM500 tassew kien irceviehom izda bhala self biss u minnhom kien radd lura LM100 lil Kenan. L-imputat insista illi qatt ma kellu l-hsieb li jbiegh il-karozza (ara fol 18).

L-imputat xheed minn jheddu u kkonferma l-istqarrija li kien ghamel.

Ikkonsidrat.

Li l-parte civili lanqas biss ttellghet tixhed ghax jidher li m’ghadhiex f’Malta. Ghal hekk il-Qorti ghandha quddiemha

(a) Ix-xhieda ta' l-Ispettur ta' x'qaltlu l-parte civile u
(b) Ix-xhieda ta' l-imputat

Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat kien ghamel xi misapropjazzji ghax dan hu l-kliem uzat mill-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni.

Barra min dan l-Artikolu 293 jirrikjedi kwerela tal-parti sabiex il-pulizija tkun tista' tmexxi. Imkien fil-proceduri ma tidher din il-kwerela.

Fl-ahhar nett, il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 294 ma japplikax u r-referenza ghall-artikoli 309 u 310(1)(b) ma ssib ebda eku fl-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------